**Dispożittiv**

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata tbati l-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 315, 15.9.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tat-3 ta' Diċembru 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesverwaltungsgericht – il-Ġermanja) – Pfotenhilfe-Ungarn e.V. vs Ministerium für Energiewende, Landwirtschaft, Umwelt und ländliche Räume des Landes Schleswig-Holstein**

**(Kawża C-301/14)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Regolament (KE) Nru 1/2005 — Artikolu 1(5) — Protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport — Trasport ta' klieb mingħajr sid minn Stat Membru għal ieħor li jsir minn assoċjazzjoni għal protezzjoni tal-annimali — Kunċett ta' "attività ekonomika" — Direttiva 90/425/KEE — Artikolu 12 — Kunċett ta' "negozjant ta' kummerċ intra-Komunitarju")***

(2016/C 038/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Pfotenhilfe-Ungarn e.V.

*Konvenuti:* Ministerium für Energiewende, Landwirtschaft, Umwelt und ländliche Räume des Landes Schleswig-Holstein

*fil-preżenza ta':* Vertreter des Bundesinteresses beim Bundesverwaltungsgericht

**Dispożittiv**

1) *Il-kunċett ta' "attività ekonomika", fis-sens tal-Artikolu 1(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005, tat-22 ta' Diċembru 2004, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li jemenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97, għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri attività bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li tirrigwarda t-trasport ta' klieb mingħajr sid, minn Stat Membru għal ieħor, li jsir minn assoċjazzjoni karitatevoli, bil-għan li dawn il-klieb jingħataw lil persuni li jkunu ntrabtu li jilqgħuhom għandhom bi ħlas, min-naħa tagħhom, ta' somma li fil-prinċipju tkopri l-ispejjeż sostnuti għal dan l-għan minn din l-assoċjazzjoni.*

2) *Il-kunċett ta' "negozjant li huwa ingaġġat fil-kummerċ intra-Kommunitarju", fis-sens tal-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE, tas-26 ta' Ġunju 1990, dwar l-iċċekkjar, veterinarju u zootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Kommunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 92/60/KEE, tat-30 ta' Ġunju 1992, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprevedi partikolarment assoċjazzjoni karitatevoli li tittrasporta klieb mingħajr sid minn Stat Membru għal ieħor, bil-għan li dawn il-klieb jingħataw lill-persuni li jkunu ntrabtu li jilqgħuhom għandhom bi ħlas, min-naħa tagħhom, ta' somma li fil-prinċipju tkopri l-ispejjeż sostnuti għal dan l-għan minn din l-assoċjazzjoni.*

---

([1]) ĠU C 303, 8.9.2014.